

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1955

tal-21 ta' Novembru 2019

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-rieżami tal-Fehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agrikoli ("Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji")**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 1994, il-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE <sup>(1)</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.
- (3) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn laqgħa oħra tal-Konferenza Ministerjali l-funzjonijiet tal-Konferenza Ministerjali għandhom jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO.
- (4) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, il-korpi tad-WTO normalment jieħdu d-deċiżjonijiet b'kunsens.
- (5) F'Diċembru 2013, id-Disa' Sessjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO adottat Deċiżjoni Ministerjali dwar il-Fehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agrikoli, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura (WT/MIN(13)/39) (il-"Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji") li jirregola l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji ta' prodotti agrikoli.
- (6) Skont il-paragrafu 13 tal-Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji, għandu jinbeda rieżami tal-operat tal-Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji mhux aktar tard minn erba' snin wara l-adozzjoni tagħha, li jqis l-esperjenza miksuba sa dak iż-żmien. L-oġettiv ta' dan ir-rieżami huwa li jippromwovi proċess kontinwu ta' titjib fl-utilizzazzjoni tal-kwoti tariffarji.
- (7) Skont il-paragrafu 13 tal-Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji, il-Kumitat għall-Agrikoltura pproċeda bir-rieżami ta' dak il-Fehim fl-2018. Is-sejbiet tar-rieżami ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa ta' Diċembru 2019 tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO fil-forma ta' rapport maħruġ mill-Kumitat għall-Agrikoltura (Rapport Nru G/AG/29 "Rieżami tal-Operat tad-Deċiżjoni Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji" tal-31 ta' Ottubru 2019).
- (8) Minħabba n-nuqqas ta' kunsens fost il-membri tad-WTO dwar l-emendi sostantivi għall-Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji, ir-rapport jirrakkomanda li l-perijodu ta' reviżjoni jittawwal sa tmiem l-2021, sabiex ikun jista' jintlaħaq kunsens dwar emendi sostantivi. Ir-rapport jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet maħsuba biex tiżdied it-trasparenza tal-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji.
- (9) Fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ġenerali tad-WTO jenħtieġ li jiġi mistieden jikkunsidra l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 2 tar-Rapport Nru G/AG/29 fil-forma ta' deċiżjoni dwar ir-rieżami tal-Fehim dwar il-Kwoti Tariffarji.
- (10) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO, billi d-Deċiżjoni li għandha tiġi adottata ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

- (11) Fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO, l-Unjoni għandha tiġi rrappreżentata mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 17 (1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-“Kunsill Ġenerali tad-WTO”) fil-laqgħa tiegħu ta’ Diċembru 2019 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ deċiżjoni mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO li tadotta r-rakkomandazzjonijiet magħmula lill-Kunsill Ġenerali tad-WTO mill-Kumitat dwar l-Agricoltura fl-Anness 2 tar-Rapport tiegħu Nru G/AG/29 tal-31 ta’ Ottubru 2019 meħmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

Tibdiliet minuri għal dak l-abbozz ta’ deċiżjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta’ Novembru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
V. SKINNARI

**Kumitat dwar l-Agricoltura****G/AG/29**

fil-31 ta' Ottubru 2019

**RIEŻAMI TAL-OPERAT TAD-DEĊIŻJONI TA' BALI DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KWOTI TARIFFARJI**

## RAPPORT LILL-KUNSILL ĠENERALI

1.1. Waqt id-Disa' Sessjoni tal-Konferenza Ministerjali, il-Ministri adottaw id-Deċiżjoni dwar "il-Fehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agricoli, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agricoltura" (WT/MIN (13)/39) ("Id-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji"). Il-Ministri taw struzzjonijiet lill-Kumitat biex jirrieżamina u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Membri stabbiliti taħt id-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji bl-objettiv li r-rieżami jippromwovi proċess kontinwu ta' titjib fl-utilizzazzjoni tal-kwoti tariffarji, li beda mhux aktar tard mill-2017, u li jqis l-esperjenza miksuba sa dak iż-żmien <sup>(1)</sup>. Id-diskussjonijiet għal Rieżami bdew fil-laqgħa tal-Kumitat f'Ottubru 2017 <sup>(2)</sup>. Waqt il-laqgħa ta' Frar 2018, il-Kumitat qabel mal-proċess u l-iskedi ta' żmien biex jitwettaq ir-Rieżami fid-dokument G/AG/W/171 <sup>(3)</sup>. Skont il-proċedura maqbulha, ir-rieżami twettaq permezz ta' laqgħat informali u miftuħa tal-Kumitat skedati biex jaħbtu mal-laqgħat regolari tal-Kumitat <sup>(4)</sup>.

1.2. Il-membri ddiskutew ir-Rieżami f'erba' laqgħat informali tal-Kumitat fl-2018, fl-20 ta' Frar, fil-11 ta' Ġunju, fil-25 ta' Settembru u fis-26 ta' Novembru. Matul il-laqgħa informali ta' Novembru saret sessjoni tematika dwar l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u l-użu insuffiċjenti li kienet tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-industrija. Waqt id-diskussjonijiet dwar ir-rieżami kien hemm ukoll għadd ta' kontributi bil-miktub mill-Membri. B'mod simili, b'reazzjoni għal talbiet mill-Membri u skont il-proċess u l-iskedi ta' żmien miftiehma biex jitwettaq ir-rieżami, is-Segretarjat ħejja dokument ta' sfond <sup>(5)</sup> dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji u r-rati ta' mili biex jiġi jitħaffef ir-Rieżami. **L-Anness 1** jinkludi lista tad-dokumenti kollha bil-miktub ikkunsidrati s'issa fir-rieżami.

1.3. Il-membri identifikaw it-temi li ġejjin fid-diskussjonijiet tar-rieżami: 1) Implimentazzjoni effettiva u segwitu tal-obbligi sostantivi li jorġorġu mid-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji; 2) Rekwiżiti ta' trasparenza tal-Kwoti Tariffarji; 3) Mekkaniżmu f'Każ ta' Insuffiċjenza. Xi elementi <sup>(6)</sup> mqajma taħt kull waħda mit-tliet temi, inkluż matul id-diskussjonijiet tematiċi f'Novembru, huma indikati hawn taħt.

**IMPLIMENTAZZJONI U SEGWITU EFFETTIVI**

- i. Riallokazzjoni ta' liċenzji mhux użati fi kwota tariffarja;
- ii. Proċessi ta' riallokazzjoni, inkluż allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż <sup>(7)</sup>;
- iii. Il-kondiviżjoni ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki dwar it-titjib tal-mili tal-kwoti tariffarji, inkluż riallokazzjoni tal-kwoti tariffarji skont il-Ftehimiet Kummerċjali Reġjonali (l-RTAs).

**REKWIŻITI TA' TRASPARENZA TAL-KWOTI TARIFFARJI**

- i. Notifiki dwar Kwoti Tariffarji fil-ħin u kompluti;
- ii. Rappurtar fil-pront ta' bidliet fl-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji;
- iii. Rapportar konsistenti tar-rati ta' milli mill-Membri kollha b'impenji tal-Kwoti Tariffarji;
- iv. Prattiki ta' notifika armonizzati (eż. għal Kwoti Tariffarji mhux miftuħa jew Kwoti Tariffarji mingħajr vantaġġ tariffarju);

<sup>(1)</sup> Il-paragrafu 13 ta' WT/MIN (13)/39. Għadha ma ġiet irrappurtata l-ebda esperjenza fir-rigward tar-rikors għall-Mekkaniżmu f'Każ ta' Użu Insuffiċjenti.

<sup>(2)</sup> Irreferi għat-Taqsima 2.2.1 ta' G/AG/R/86.

<sup>(3)</sup> Irreferi għat-Taqsima 2.5.1 ta' G/AG/R/87.

<sup>(4)</sup> Waqt il-laqgħa ta' Ġunju 2019, il-Kumitat qabel li jestendi l-iskeda ta' żmien għal-laqgħa tal-Kumitat ta' Ottubru 2019 biex jiġi ffinalizzat ir-rapport tar-Rieżami.

<sup>(5)</sup> G/AG/W/183.

<sup>(6)</sup> Ma hemm l-ebda ftehim fost il-Membri dwar dawn l-elementi jew dwar it-trattament tagħhom fir-rakkomandazzjonijiet.

<sup>(7)</sup> Il-paragrafu 9 tad-Deċiżjoni Ministerjali ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji jirreferi għall-proċess ta' riallokazzjoni. Barra minn hekk, in-noti 3 u 5 ta' qiegħ il-paġna tal-Anness A tad-Deċiżjoni ta' Bali jirreferu għad-drittijiet tal-Membri li jkollhom allokazzjoni speċifika għall-pajjiż speċifikament fil-kuntest tal-mekkaniżmu f'każ ta' użu insuffiċjenti.

- v. Rapportar bir-raġunijiet f'każijiet ta' insuffiċjenza;
- vi. Il-kondiviżjoni ta' esperjenzi nazzjonali u tal-aħjar prattiki ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji;
- vii. Trattament speċjali u differenzjali (It-toqol tar-rekwiżit ta' notifika);
- viii. Konnessjoni mar-rekwiżit ta' notifika fil-qasam tal-proċeduri tal-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni;
- ix. Assistenza teknika mis-Segretarjat lejn konformità ta' notifika mtejbja min-naħa tal-Membri.

#### **MEKKANIŻMU F'KAŻ TA' UŻU INSUFFIĊJENTI**

- i. Obbligi differenti tal-Membri (il-paragrafu 4 tal-Anness A);
- ii. Trattament speċjali u differenzjali;
- iii. Applikabbiltà potenzjalment inqas minn universali fil-futur;
- iv. Konnessjoni bejn l-Anness B u l-paragrafu 4 tal-Anness A;
- v. Esplorazzjoni tal-kawżi ta' każijiet ta' użu insuffiċjenti;
- vi. Eżaminazzjoni mmirata tal-Kwoti Tariffarji f'każijiet ta' użu insuffiċjenti f'xi setturi speċifiċi;
- vii. Applikabbiltà Prattika tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Użu Insuffiċjenti (esplorazzjoni tar-raġunijiet inkluża l-kumplessità potenzjali, dwar għaliex għadu ma ġiex invokat, il-kondiviżjoni ta' esperjenzi, is-simplifikazzjoni ta' rekwiżiti proċedurali);
- viii. Iż-żamma ta' lista ta' Kwoti Tariffarji b'każijiet ta' użu insuffiċjenti mis-Segretarjat.

1.4. Dwar il-kwistjoni tal-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Użu Insuffiċjenti u tad-dispożizzjoni S&D (Speċjali u Differenzjal) assoċjata miegħu, il-pożizzjonijiet tal-Membri kienu diverġenti. Xi Membri li qed jiżviluppaw sostnew li d-dispożizzjonijiet S&D fid-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji ma għandhomx jiddgħajfu; xi Membri oħra argumentaw li t-trattament S&D għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma għandux iwassal għal konċessjoni u li l-pajjiżi benefiċjarji li qed jiżviluppaw għandhom minflok jassumu l-impenji tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tal-Kwoti Tariffarji filwaqt li jieħdu kont tal-istatus ta' żvilupp tagħhom.

1.5. Diversi Membri kkunsidraw li l-ambitu ta' dan ir-rieżami huwa limitat għat-tiftix ta' titjib fl-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji biex jiddistingwihom min-negożjati dwar l-aċċess għas-suq. Oħrajn irreferew għall-possibbiltà li n-negożjati dwar il-Kwoti Tariffarji jiddaħħlu fin-negożjati dwar l-aċċess għas-suq.

Skont il-paragrafi 13-15 tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji (WT/MIN (13)/39), il-Kumitat, fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Ottubru 2019, jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet li ġejjin kif inklużi fl-**Anness 2** ta' dan ir-rapport għall-kunsiderazzjoni mill-Kunsill Ġenerali.

—

## ANNEX 1

**Lista tad-dokumenti**

G/AG/W/169 fil-10 ta' Ottubru 2017.	Monitoraġġ u rieżami tal-obbligi tal-Membri stabbiliti skont id-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji. Nota mis-Segretarjat
G/AG/W/171 fid-9 ta' Frar 2018.	Proċess propost għar-Rieżami tal-Operat tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji. Nota mis-Segretarjat
G/AG/W/175 fit-18 ta' Mejju 2018. u G/AG/W/175/Add.1 fis-7 ta' Mejju 2019.	— Sottomissjoni tal-Unjoni Ewropea lill-Kumitat għall-Agricoltura dwar il-Proċess għar-Rieżami tal-Operat tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji <sup>(1)</sup> . Komunikazzjoni mill-Unjoni Ewropea
G/AG/W/179 fis-6 ta' Ġunju 2018.	— Rieżami tal-Operat tad-Deċiżjoni Ministerjali ta' Bali dwar "Il-Fehim dwar id-dispożizzjonijiet Amministrattivi tal-Kwoti Tariffarji għall-Prodotti Agrikoli..." <sup>(2)</sup> . Sottomissjoni mill-Cairns Group
G/AG/W/183 fil-31 ta' Lulju 2018.	Metodi ta' amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u rati ta' mili 2007–2016. Dokument ta' Sfond mis-Segretarjat
G/AG/W/186 fid-19 ta' Settembru 2018.	Rieżami tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-ġestjoni tal-Kwoti Tariffarji. Sottomissjoni mill-Awstralja
G/AG/W/197 fil-24 ta' Mejju 2019.	Il-Mekkaniżmu f'każ ta' użu insuffiċjenti tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji Sottomissjoni fisem il-Cairns Group

<sup>(1)</sup> Dokument G/AG/W/171 tad-9 ta' Frar 2018.

<sup>(2)</sup> WT/MIN (13)/39 u WT/L/914 datat il-11 ta' Diċembru 2013.

## ANNEX 2

1. L-iskeda ta' żmien speċifikata fil-Paragrafu 14 u n-nota 2 ta' qiegħ il-paġna tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji għal deċiżjoni dwar il-Paragrafu 4 tal-Anness A għandha tiġi estiża sal-aħħar tal-2021. Ir-referenzi kollha għat-"12-il Konferenza Ministerjali" u għall-"31 ta' Diċembru 2019" fil-paragrafi 13-14 u fin-nota 2 ta' qiegħ il-paġna tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji għandhom jinftiehm u li huma t-"13-il Konferenza Ministerjali" u l-"31 ta' Diċembru 2021" rispettivament. Fl-aspetti l-oħra, it-termini tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji jibqgħu l-istess. Għal aktar ċertezza, il-Membri elenkati fl-Anness B tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji jibqgħu bid-dritt li jwaqqfu l-applikazzjoni tal-paragrafu 4 tal-Anness A fil-31 ta' Diċembru 2021 jew wara din id-data jekk la l-Konferenza Ministerjali u lanqas il-Kunsill Ġenerali ma jkun ddeċidew li jestendu l-paragrafu 4 tal-Anness A sa dik id-data.
2. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' trasparenza mtejba tal-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji u tar-rati ta' mili kif ukoll tas-sottomissjoni f'waqtha ta' notifiċi mill-Membri, u filwaqt li jirrikonoxxi li s-sistema ta' notifiċi online dwar l-agrikoltura għandha twassal għal armonizzazzjoni mtejba, il-Kumitat jaqbel dwar dan li ġej:
  - (a) Is-Segretarjat ser iħejji lista tal-prattiki ta' notifiċi tal-Kwoti Tariffarji eżistenti tal-Membri inkluż f'każijiet fejn ma tkunx infetħet Kwota Tariffarja skedata.
  - (b) Il-Kumitat ser jagħti bidu għal diskussjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tal-prattiki ta' notifiċi tal-Kwoti Tariffarji għall-Membri, inkluż għar-rati ta' mili tal-Kwoti Tariffarji.
  - (c) Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Membri biex jinkludu spjegazzjoni fin-notifiċi tagħhom tat-Tabella MA:2 f'każijiet fejn il-Kwoti Tariffarji skedati ma jinfetħux.
  - (d) Is-Segretarjat ser jaġġorna l-informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji u r-rati ta' mili regolarment kif inklużi f'G/AG/W/183 <sup>(1)</sup> kif ukoll l-informazzjoni aġġornata li fuqha l-Membri jkun nnotifikaw ir-rati ta' mili u dwar kwistjonijiet li tqajmu fil-Kumitat dwar ir-rati ta' mili.
3. Il-Kumitat jaqbel li kull tliet snin wara l-konklużjoni ta' dan ir-rieżami jwettaq rieżamijiet regolari tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji. Dawn ir-rieżamijiet regolari ser jinkludu, fost l-oħrajn, eżaminazzjoni tal-użu tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Użu Insuffiċjenti abbażi tas-sottomissjonijiet mill-Membri.

---

(1) In-nota ta' sfond tas-Segretarjat tista' tinkludi speċifikament lista ta' Kwoti Tariffarji fejn ma tkun tressqet l-ebda notifiċi tat-Tabella MA:2 jew fejn ir-rata ta' mili hija inqas minn 65 %.